## Il-Professur Ġużè Aquilina

Il-Professur Ġużè Aquilina twieled il-Munxar fis-7 ta’ April 1911 u kien il-kbir fost ħames aħwa. Ta' tmintax-il sena tilef lil missieru. Studja fl-iskola primarja Ta' Sannat u fis-Seminarju t'Għawdex. Il-Professur Aquilina għadda għall-Università ta' Malta fejn fl-1933 ħa l-grad tal-B.A. u erba' snin wara l-lawrija bħala avukat. F'Malta, Aquilina trabba ma' zitu Reġina fil-Birgu.

Fl-1935 laħaq Professur tal-Malti u l-Ilsna Orjentali fl-Università ta' Malta. Studja l-ilsna semitiċi fid-Dipartiment tal-Istudji Orjentali u Afrikani fl-Università ta' Londra. Hemmhekk, f'Jannar 1940 ingħata d-Dottorat. wara li kien ressaq it-teżi tiegħu *The Structure of Maltese*. Aquilina rritorna Malta fil-bidu ta' Diċembru 1939, u beda jgħallem fl-Università ta' Malta f'Jannar 1940. Fl-1966 ingħata l-Medalja Ġużè Muscat Azzopardi u nħatar Membru tal-Ordni tal-Meritu ta` Malta fl-1994. Aquilina kien Dekan tal-Fakultà tal-Arti bejn l-1948 u l-1966, kif ukoll bejn l-1972 u l-1975. Bejn l-1970 u l-1974 kien Pro-Viċi Kanċillier, u fl-1976, meta rtira mill-Kattedra, ingħata t-titlu ta' Professur Emeritus.

Il-Professur Aquilina kien awtur ta' diversi ħidmiet, fosthom kritiki letterarji, studji xjentifiċi, studji lingwistiċi, novelli u kotba reliġjużi. Il-Professur Aquilina jibqa' msemmi l-iktar għad-dizzjunarju tiegħu.

Meta l-Prof Ġużè Aquilina miet fit-8 t’Awwissu 1997, il-Prim Ministru Malti Dr Alfred Sant, kittieb ieħor magħruf, sejjaħ il-mewt tiegħu “telfa kbira għall-pajjiż”. Tmint ijiem wara saret tifkira uffiċjali f’Kastilja f’ġieħu, fejn ġie deskritt bħala “persuna ta’ kalibru kbir li żviluppat il-kultura u l-identità tal-Malti”.

Aquilina sar l-ewwel Professur tal-Malti u l-Ilsna Orjentali fl-1937, kariga li sfruttaha kemm felaħ għat-tixrid u t-tagħlim tal-Malti. Niftakru li kien biss tliet snin qabel, fl-1934, li l-Malti sar l-ilsien uffiċjali tal-pajjiż. Bħala student universitarju Aquilina ħadem spalla ma' spalla mal-Prof Pietru Pawl Saydon fil-ġlieda għall-Malti fi żmien il-kwistjoni tal-lingwa.

Aquilina kiteb 'il fuq minn 50 ktieb fuq il-lingwistika, proża, poeżija u bosta artikli u ktejbiet f'perjodiċi xjentifiċi f'Malta u barra minn Malta. Fost dawn l-istudji lingwistiċi nsibu *The Structure of Maltese* (1959) u *Papers in Maltese Linguistics* (1961), fejn eżamina l-elementi kollha li jsawru l-ilsien Malti u kif dawn jingħaqdu flimkien. Imma żgur li fost l-aqwa xogħlijiet tiegħu nsibu l-*Maltese English Dictionary* (1990) u l-*English Maltese Dictionary* li ma laħaqx lestieh qabel miet.

Ġużè Aquilina, li tista' tgħid waħdu bena d-Dipartiment tal-Malti fl-Università, spiċċa biex sar id-Dekan tal-Fakultà tal-Arti, kariga li żammha għal ħafna snin. Kien jemmen bis-sħiħ fil-libertà intellettwali u fir-riċerka fl-università. Permezz tal-istudji lingwistiċi tiegħu, li wħud minnhom ippubblikahom f'rivisti lingwistiċi Ewropej, huwa wassal l-ilsien Malti lil ħafna studjużi barranin li qabel qatt ma kellhom l-opportunità li jkunu jafu l-għerf u l-ġmiel moħbi ta' lsienna. Kien jagħti taħditiet dwar l-ilsien Malti f'diversi universitajiet bħal f'Londra u Cambridge. Ir-riċerki lingwistiċi tiegħu ġabulu għarfien internazzjonali, fosthom mill-*Council of Europe's Specialised Language Linguists* (1967). Fl-1972 ġie elett president tal-*International Association of Studies on Mediterranean Civilisations.*

Aquilina kkontribwixxa wkoll għall-iżvilupp tal-letteratura bil-Malti b'numru ta' drammi, antoloġiji, poeżiji, kritika letterarja, u ħafna kitbiet fil-ġurnali. Flimkien

mal-Prof Saydon ħareġ l-antoloġija *Ward ta' Qari Malti* (1940). Fl-1938 ħareġ ir-rumanz magħruf tiegħu *Taħt Tliet Saltniet*. Aquilina kien jemmen bis-sħiħ li l-kultura għandha tkun fil-qabda tal-ikbar udjenza possibbli. Għal snin twal kien ixandar taħditiet fuq ir-radju dwar aspetti varji tal-kultura u ċ-ċiviltà, li iktar tard ftit minnhom ġabarhom u ppubblikahom. Kien jagħmel diskorsi u jindirizza seminars fuq ħafna suġġetti. Daniel Massa, poeta u student ta' Aquilina, jgħid li l-imħabba ta' Aquilina għall-ilsien u l-viżjoni tiegħu ta' xogħlijiet mill-aqwa bil-Malti kienu ta' ispirazzjoni għal ġenerazzjonijiet ta' studjużi u awturi Maltin. Għal kitbietu, Aquilina rebaħ għadd ta' premjijiet, fosthom il-Midalja tad-Deheb *Ġużè Muscat Azzopardi* (1966), il-Midalja tad-Deheb tal-Konfederazzjoni tal-Kunsilli Ċivili (1973), u l-Midalja tad-Deheb tas-Soċjetà tal-Arti, Manifattura u Kummerċ (1979).

Barra l-imħabba tiegħu lejn l-ilsien Malti, Aquilina kellu mħabba kbira oħra, dik lejn il-Fidi Nisranija, li kien jiddefendi b'kull mod, l-iktar bil-kitbiet u bl-ittri tiegħu fil-ġurnali. Fix-xogħlijiet letterarji tiegħu joħroġ biċ-ċar il-valuri u l-kultura Nisranija. Insemmu fost l-oħrajn il-kotba tiegħu *Twemmin u Ħajja* (1984), *Il-Ġenna Pajjiżna* (1989) u *Armoniji ta' Ħsieb u Fidi* (1995).

Issa bix-xieraq li nisimgħu silta mir-rumanz magħruf ta' Ġużè Aqulina *Taħt Tliet Saltniet* li deher għall-ewwel darba fl-1938.

Qari – ***Taħt Tliet Saltniet***